## Laqgha Numru 17/K3/2000

## Introduzzjoni

Minuti tas-Sbatax il-Laqgha tas-sena 2000 tat-Tielet Kunsill Lokali Pembroke li saret nhar l-Erbgha 8 ta' Novembru 2000.

Il-Kunsill iltaqa' fl-Ufficcju Amministrattiv tieghu, Triq Alamein, Pembroke, fis-6.00 pm.

Prezenti: Is-Sindku Joe Zammit, il-Vici Sindku Paul Baldacchino u l-Kunsilliera Pierre Cordina u Ray Pace flimkien mas-Segretarju Ezekuttiv Kevin Borg.

Il-Kunsillier Carmela Attard waslet tard minhabba xoghol.

## Agenda

Il-Kunsill mexa fuq l-avviz li gie ppubblikat fit-2 ta' Novembru 2000. L-**Agenda** kienet hekk

1. **Approvazzjoni tal-Minuti 16 / K3 / 2000.**
2. **Mistoqsijiet.**
3. **Korrispondenza.**
4. **Road Resurfcing.**
5. **Diskussjoni dwar l-operat tal-Kunsill ingenerali.**
6. **Approvazzjoni tal-Kontijiet.**
7. **Materji Ohra.**

## 1. Approvazzjoni tal-Minuti 16/K3/2000.

1.1. Is-Sindku Joe Zammit ppropona l-approvazzjoni tal-Minuti riferenza 16/K3/2000.

1.2. Il-Kunsillier Ray Pace ssekonda.

1.3. Il-Mozzjoni ghaddiet ghall-vot fejn is-Sindku Joe Zammit, il-Vici Sindku Paul Baldacchino u l-Kunsillier Ray Pace vvutaw favur filwaqt li l-Kunsillier Pierre Cordina astjena.

1.4. Il-Mozzjoni ghaddiet.

## 2. Mistoqsijiet.

2.1. Peress li ma kienx hemm mistoqsijiet is-Sindku Joe Zammit ghadda ghall-item li kien imiss.

## 3. Korrispondenza.

3.1. Fuq il-mejda tal-Kunsill qabel u waqt il-laqgha, kien hemm il-kontijiet, l-ilmenti u l-korrispondenza kollha li dahlet u harget bejn il-25 t'Ottubru u t-8 ta' Novembru 2000 u dan ghas-sodisfazzjon tal-Kunsilliera. Fost l-ittri kollha saret riferenza ghall-

| Rif. | Suggett |
|---|---|
| 46/1159/00/I | Ittra minghand is-sur Kevin Muscat joffri s-servizzi tieghu ghal xoghol ta' manutenzjoni. |
| 46/1191/00/I | Ittra minghand Mrs Madlyn Calleja Urry rigward tindif faccata ta' St. Michaels Foundation. |
| 46/1217/00/I | Kwotazzjoni minghand Joseph F. Spiteri & Co rigward railings. |
| 46/1222/00/I | Kwotazzjoni minghand FiveStar Printing & Design Limited. |
| 46/1223/00/I | Kopja tal-kuntratt li sar bejn il-Ministeru ta' l-Edukazjzoni u Sport ma' l-Island Radio Model Car Club. |
| 46/1226/00/I | Rapport minghand ir-Research & Policy rigward Social Work in the community. |
| 46/1227/00/I | Ittra minghand il-kumpanija Penza Group rigward il-problema tar-Road Resurfacing vis-à-vis nuqqas ta' fittings tal-Korporazzjoni ghas-Servizzi ta' l-Ilma. |

3.2. B'riferenza ghall-korrispondenza numru **46/1159/00/I** is-Sindku Joe Zammit ppropona li l-Kunsill iqabbad lis-sur Kevin Muscat biex jaghmel xoghol ta' zebgha tal-bankijiet li hemm fil-gnien fi Triq Camillo Sciberras ghall-prezz ta' Lm 6.00 inkluz il-15% VAT ghall-kull bank bil-vernic ta' kwalita' tajba liema vernic ikun provdut mill-Kunsill ghas-spejjez tal-Kunsill.

3.3. Il-Kunsillier Ray Pace ssekonda.

3.4. Il-Kunsill qabel unanimament.

3.5. Fis-6.30 pm il-laqgha giet sospiza biex il-Kunsill ikun jista' jiltaqa' ma' l-avukat Dr Joe Zammit Maempel rigward il-kaz ts-sur Rene Scicluna vis-à-vis il-penali li gew imposti mill-Kunsill rigward id-dewmien biex tlesta x-xoghol fuq l-upgrading tal-Gnien fi Triq Falaise.

3.6. Il-Laqgha tkompliet fis-7.30 pm.

3.7. Il-Vici Sindku Paul Baldacchino talab li jigi skuzat minhabba li kellu mpenji ohra.

3.8. Il-Kunsilliera Carmela Attard inghaqdet fil-laqgha u skuzat ruhu li giet tard minhabba xoghol.

3.9. B’riferenza ghall-korrispondenza numru **46/1191/00/I** is-Sindku Joe Zammit talab lill-Kunsilliera biex jaghmlu spezzjoni tal-post indikat biex wara jigi deciz kif tista’ l-art li hemm faccata t’ l-Iskola San Mikiel fi Triq Alamein tigi mnaddfa.

3.10. B’riferenza ghall-korrispondenza numru **46/1181/00/I** is-Sindku Joe Zammit ppropona li jekk hemm xi Kunsilliera li m’ghandhomx Personal Health Insurance ghandhom jibbenefikaw mil-proposta ta’ l-Assocjazzjoni Kunsilli Lokali u bl-ispejjez jithallsu mil-Kunsill.

3.11. Il-Kunsillier Pierre Cordina ssekonda.

3.12. Il-Mozzjoni ghaddiet ghall-vot fejn is-Sindku Joe Zammit u l-Kunsilliera Pierre Cordina u Carmela Attard vvutaw favur filwaqt li l-Kunsillier Ray Pace astjena minhabba l-fatt li huwa nvolut personalment.

3.13. Il-Mozzjoni ghaddiet.

3.14. B’riferenza ghall-korrispondenza numru **46/1222/00/I** il-Kunsillier Ray Pace ppropona li jinxtraw 1,000 pocket calendar bl-emblema tal-Kunsill li wara jitqassmu fid-djar ghall-prezz ta’ Lm 30.00 eskluz il-15% VAT.

3.15. Il-Kunsillier Pierre Cordina ssekonda.

3.16. Il-Kunsill qabel unanimament.

3.17. B’riferenza ghall-korrispondenza numru **46/1240/00/I** il-Kunsillier Ray Pace talab li ssir kjarifika ghala d-Dipartiment tat-Tiswijja tad-Djar applika fuq Sit F meta x-xoghol jinstab fi stadju avvanzat kif ukoll jigi nfurmat biex jinbena ricint madwar is-sit.

3.18. B’riferenza ghall-korrispondenza numru **46/1256/00/I** is-Sindku Joe Zammit ppropona li l-Kunsill m’ghandux iwiegeb l-ittra tal-Ministeru rigward il-Gwardjani lokali izda ghandu jkun il-kumitat kongunt li jara x’hin huma l-ahjar affarijiet li ghandhom jigu rakkomandati.

3.19. Il-Kunsillier Ray Pace ssekonda.

3.20. Il-Kunsill qabel unanimament.

## 4. Road Resurfacing.

4.1. Is-Sindku Joe Zammit informa lill-Kunsill li x-xoghol kien wieqaf minhabba l-fatt li l-Korporazzjoni ghas-Servizzi ta’ l-Ilma ma kelliex pajpijiet tat-20 mm biex jintuzaw ghal bdil tal-house connections.

4.2. Il-Kunsillier Ray Pace rrakkomanda li tinkiteb ittra lill-kuntrattur Penza Construction biex jigi vverifikat jekk il-materjal li ser jintuza ghat-tarmac f’hiex sustanzi li jistghu ikunu ta’ hsara ghall-pubbliku u dan skond dak li hareg minn Mistoqsija Parlamentari ricentament.

4.3. Is-Segretarju Ezekuttiv Kevin Borg talab lill-Kunsillier Ray Pace biex jibghat bil-fax lill-Kunsill kopja ta’ l-artiklu li deher fil-gurnali rigward din il-mistoqsija parlamentari.

## 5. Diskussjoni dwar l-operat tal-Kunsill ingenerali.

5.1. Peress li kien sar il-hin is-Sindku Joe Zammit talab li din l-item tigi diskuss f'laqgha ohra.

## 6. Approvazzjoni tal-kontijiet.

6.1. Is-Sindku Joe Zammit ppropona l-approvazzjoni ta' skeda ta' pagamenti. **( Ara Appendici A )**

6.2. Il-Kunsillier Ray Pace ssekonda.

6.3. Il-Kunsill qabel unanimament.

## 7. Materji Ohra.

7.1. Is-Segretarju Ezekuttiv Kevin Borg informa lill-Kunsill li wara kuntratt li ghamel ma' l-Union Print rigward il-magazine dawn infurmawh li biex il-magazine jigi pprintjat qabel il-Milied diga kwazi huwa trid wisq. Ghal dan il-ghan talab lilll-Kunsill biex kemm jista' jkun jithaffef il-pass.

7.2. Il-Kunsillier Ray Pace qal li jekk ma jkollux l-artikli ma jkunx jista' jibda x-xoghol fuq il-magazine.

7.3. Is-Sindku Joe Zammit ghamel riferenza ghal-leaflet tal-Maltacom fejn qal li numru ta' Kunsilliera kienu dizilluzi li l-informazzjoni li dehret ma kienitx tirrifletti x-xoghol li sar minn xi Kunsilliera kif ukoll li ma kellhomx ic-cans jew kif gie dikjarat ma gewx murija l-ahhar versjoni qabel il-materjalmar ghall-pubblikzzjoni. Il-kelliem irrakkomanda li ghall-publikazzjonijiet tal-Kunsill ghandu jkun hemm bord editorjali biex hadd ma jkun jista' jwahhal f'hadd u kulhadd ikunu approva l-kontenut li jkun ser jigi ppublikat.

7.4. Il-Kunsillier Pierre Cordina talab biex jekk jista' jkun qabel jigi ppublikat materjal ufficcjali tal-Kunsill, il-Kunsilliera ghandhom jinghataw bizzejjed cans li jaraw x'ser ikun sejjer jigi ppublikat.

7.5. Is-Sindku Joe Zammit talab biex dan is-suggett jigi diskuss fil-laqgha li jmiss fejn il-Kunsilliera kollha jkunu prezenti.

7.6. Il-Kunsillier Pierre Cordina talab li jigi skuzat minhabba mpenji ohra.

7.7. Is-Sindku Joe Zammit ppropona li l-iskeda ta' xoghol tal-wardens, ghax-xahar ta' Novembru ghandha tibqa' kif proposta jigifieri warden fejn l-iskejjel waqt il-hinijiet tad-dhul u hrug, warden siegha filghodu jdur madwar il-lokal u saghtejn warden nhar ta' Sibt filghaxija jdur fl-inhawi tal-Qasam tad-Djar San Gorg.

7.8. Il-Kunsillier Ray Pace ssekonda.

7.9. Il-Kunsill qabel unanimament.

7.10. Is-Sindku Joe Zammit ghamel riferenza ghall-laqgha li kellu mas-sur Paul Camilleri, wiehed mis-sidein tal-kumpless Bay Street. Il-kelliem qal li l-operaturi ta' Bay Street kienu ser jitolbu lill-Kunsill biex l-art ta' l-ex Parade Ground tkun tista' tintuza bhala parking area fejn huma kienu wkoll lesti li jiehdu hsieb li jaghmlu l-marki tal-parking. Ghal dan il-ghan il-kelliem ppropona

li l-Kunsill ghandu jitlob sponsor lil din il-kumpanija biex tiffinanzja l-mawra tal-Kunsill f'Pembroekshire f'Wales b'konnessjoni mal-possibilita' ta' gemellag.

7.11. Il-Kunsillier Ray Pace ssekonda bil-kundizzjoni li l-operaturi jigu nfurmati li m'ghandux isir disturb lir-residenti koncernati anzi jkollhom post riservat ghalihom fejn ikollhom spazju adekwat fejn jipparkjaw.

7.12. Il-Kunsill qabel unanimament.

7.13. Il-Kunsillier Ray Pace ghamel riferenza ghall-laqgha tal-Kunsill li kienet saret nhar it-12 ta' Jannar 2000 fejn ppropona li l-Kunsill ma jsibx oggezzjoni li r-residenti ta' Triq l-Imhallef William Harding li hdejhom ghandhom bcejjec t'art, l-istess art tinghata lilhom biex tintuza bhala gnien skond il-kundizzjoni DCC 1/2000 bil-kundizzjoni wkoll li jhallu passagg ta' 10 piedi biex jigi ffurmat passagg pedonali. Il-kelliem fuq rakkomandazzjoni tas-Sindku Joe Zammit zied ukoll li ma' din il-proposta tizdied it-talba ta' Julian li joqghod fit-traf tat-triq in-naha ta' l-Athleta Pembroke. **( Ara Appendici B )**

7.14. Il-Kunsillier Carmela Attard ssekondat.

7.15. Il-Kunsill qabel unanimament

7.16. Il-Kunsillier Ray Pace ppropona li jinxtraw sett ritratti mehuda mil-ajru minghand l-Awtorita' ta' l-Ippjanar biex ikunu jistghu jiffurmaw parti mil-esebizzjoni li hemm il-hsieb li jkun hemm f'Pembroke Battery

7.17. Is-Sindku Joe Zammit ssekonda.

7.18. Il-Kunsill qabel unanimament.

7.19. Is-Sindku Joe Zammit ppropona li tinkiteb ittra lill-Awtorita' ta' l-Ippjanar rigward l-unika garaxx illegali li ghad fadal quddiem Juno Flats, liema sid ghandu applikazzjoni riferenza numru PA 3174/00 u Enforcement 01040/99.

7.20. Il-Kunsillier Ray Pace ssekonda.

7.21. Il-Kunsill qabel unanimament

7.22. Is-Sindku Joe Zammit informa lill-Kunsill li kienet ser tinkiteb ittra lill-Awtorita' ta' l-Ippjanar fejn dawn jigu nfurmati li l-materjal li kien intefgha minn kuntrattur imqabbad mil-Kunsill fejn il-Bajja kien tnehha kif ukoll li l-materjal li fadal kien intefa minn terzi persuni abbuzivament. Il-kelliem qal ukoll li fl-ittra ghandu jkun hemm talba biex isir pjan ta' management ta' l-area u dan skond talba precedenti tal-Kunsill.

7.23. Is-Sindku Joe Zammit informa lill-Kunsill li kienet qed tigi ppreparata Internal Memo rigward l-izviluppi dwar Pembroke Battery

7.24. Il-Laqgha ntemmet fid-9.30 pm wara li ntlahaq ftehiem li l-laqgha li jmiss issir nhar l-Erbgha 22 ta' Novembru 2000 fil-5.30 pm.

| | |
|---|---|
| **Joe Zammit** | **Kevin Borg** |
| **Sindku** | **Segretarju Ezekuttiv** |